**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Żammit**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 27 ta' Mejju 2021**

**Talba Nru: 20/21 CZ**

**George Cassola**

**vs**

**Aġenzija għas-Sistema tal-Infurzar Lokali**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-28 ta' Jannar 2021 fejn l-attur premetta:

Is-Sibt l-1 t'Awwissu filghodu l-karozza tieghi giet irmunkata mill-parkegg fejn kienet fi Triq il-Kbira, fit metri 'l boghod mir-residenza estiva tieghi fi Triq San Pawl. Sirt naf li bejn il-Hamis, meta pparkjajtha, u s-Sibt, kienet twahhlet karta ma' hajt ta'

hanut li tipprojbixxi l-parkegg f'dak il-post is-Sibt filghodu. Din il-karta qatt ma rajtha qabel. Hadd ma cempilli biex innehhi l-karozza, haga li stajt ghamiltha fi ftit minuti.

Il-LESA irrifjutaw li jtuni l-karozza lura jekk qabel ma nhallasx mitejn Euro. Dan il-hlas awtomatikament skwalifikani milli nressaq petizzjoni.

Qed nitlob ghall-inqas li ninghata lura l-Eur 200 u l-ispejjez tal-kawza.

Illi l-Agenzija konvenuta permezz ta' risposta mressqa fit-3 ta' Marzu 2021 eccepiet:

1. Illi fl-ewwel lok u in linea preliminari dan it-Tribunal mhux kompetenti biex jisma' dan il-kaz. Essendo kwistjoni ta' stharrig amministrattiv dan huwa kompetenza semmai ta' proceduri quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva.
2. Illi in linea preliminari wkoll l-eccipjenti mhix il-legittimu kontradittur ghal-lanjanzi attrici stante li l-eccipjenti ma kinitx u mhix il-pesuna jew entita' li talbet il-hrug, harget jew wahhlet jew awtorizzat il-hrug jew it-twahhil tat-tabelli in kwistjoni (ossia *Tow Away Zone*) li rrendew iz-zona in kwestjoni wahda fejn il-parkegg ma kienx permess.
3. Illi fil-mertu u bla pregudizzju ghas-sueccepit, it-talbiet attrici fil-konfront tal-eccipjenti huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt stante li kif se jirrizulta mill-provi l-vettura GBQ 102 kienet palezement ipparkjata f'zona delineata bhala *Tow Zone* u t-tabelli relattivi kienu debitament u legalment imwahhla u kjarament vizibbli.
4. Illi fil-kaz de quo l-eccipjenti wettqet biss id-dmir taghha ta' infurzar lokali kif delegat lilha permezz tal-ligi *inter alia* ai termini tal-L.N. 153/2015, L.S. 65.13, L.S. 65.05 u Kap. 291 tal-Ligijiet ta' Malta.
5. Illi fi kwalunkwe kaz sta ghall-attur li jipprova l-allegazzjonijiet tieghu skond il-ligi.

6. Illi ghalhekk it-talbiet attrici huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti *in toto* bl-ispejjez.

Illi t-Tribunal ra illi l-kawza thalliet ghas-sentenza dwar l-ewwel eccezzjoni ghal-lum;

It-Tribunal sema' x-xiehda ta' Sandro Muscat[1] li ddeskriva l-procedura adoperata sabiex vettura li tkun ipparkeggjata f'post fejn mhuwiex pemess parkegg tinhareg dwarha kontravenzjoni li titwahhal mal-vettura, u sussegwentement il-vettura tigi rmunkata u tittiehed post iehor, u tigi rilaxxata biss jekk sid il-vettura juri ricevuta ta' mitejn Euro (€200) li tkun turi li fil-fatt thallset il-multa relattiva. Ix-xhud irrefera ghall-fattispeci partikolari tal-kaz in kwestjoni u esebixxa ritratti tal-vettura in kwestjoni parkeggjata. Esebixxa wkoll rendikont li juri li l-kontravenzjoni inharget fl-1 t'Awwissu 2020 u eventwalment il-hlas tal-multa sar fit-3 t'Awwissu 2020.

It-Tribunal sema' wkoll it-trattazzjoni, wara li l-partijiet iddikjaraw li ma kellhomx iktar provi dwar l-ewwel eccezzjoni;

Ikkunsidra ulterjorment:

Illi jirrizulta illi l-Agenzija konvenuta ghandha s-setgha illi tirrimwovi oggetti, inkluz vetturi li jkunu qed joholqu ostaklu f'zona ta' rmonk. Dan jirrizulta mil-Legislazzjoni Sussidjarja 65.13, partikolarment Artikolu 3 (1), li jipprovdi:

[1] Seduta tat-12 ta' Mejju 2021

> 3.(1) Il-Kummissarju jew l-Awtorità jew il-Kunsill jew l-Aġenzija jista' jneħħi, jaħżen u jiddisponi minn kull oġġett ta'ingombru li jkun qiegħed joħloq xi diżordni, inkonvenjent jewostaklu u li jkun qiegħed f'post jew f'area li ma jkunux permessiskont il-liġi li jintużaw għal dak l-iskop, jew jekk dak il-post jewarea jkunu speċifikament indikati bħala żona ta' rmonk:Iżda oġġett ta' ingombru li jkun ġie mneħħi jew maħżun jew lijkun għadu fil-proċess li wieħed jiddisponi minnu, m'għandux jiġiritornat lil sidu qabel ma jkun tħallas id-dritt impost mill-Kummissarju jew mill-Awtorità jew mill-Kunsill, skont dawn ir-regolamenti.

Illi l-kelma 'Agenzija' hija definita f'Artikolu 2 tal-fuq imsemmija legislazzjoni sussidjarja bhala:

> "l-Aġenzija" tfisser l-Aġenzija għas-Sistema tal-Infurzar Lokali kif stabbilita bl-Ordni dwar it-Twaqqif tal-Aġenzija għas-Sistema tal-Infurzar Lokali jew kull kuntrattur debitament awtorizzat mill-imsemmija Aġenzija għall-għanijiet speċifiċi ta' dawn ir-regolamenti

Illi ma hemmx dubju ghalhekk illi l-agenzija msemmija f'Artikolu 3(1) fuq citat hija l-agenzija konvenuta.

Illi l-eccezzjoni tal-agenzija konvenuta hija fis-sens illi dan it-Tribunal m'ghandux kompetenza li jiddeciedi dwar din il-kwistjoni ladarba si tratta' ta' ghemil amministrattiv. F'dan ir-rigward Kapitolu 490 tal-Ligijiet ta' Malta f'Artikolu 2 jipprovdi:

> "att amministrattiv" tinkludi l-ħruġ mill-amministrazzjoni pubblika ta' ordni, liċenza, permess, warrant, awtorizzazzjoni, konċessjoni, deċiżjoni jew ċaħda ta' xi talba magħmula minn membru tal-pubbliku, iżda ma tinkludix miżura li tittieħed għall-organizzazzjoni interna jew ta' amministrazzjoni fi ħdan l-istess amministrazzjoni pubblika;

Illi t-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva citat mill-agenzija konvenuta fl-eccezzjoni taghha ghandu l-kompetenza tieghu definita f'Artikolu 5 tal-Kap. 490 tal-Ligijiet ta' Malta, li jipprovdi:

5.(1) Qiegħed jigi stabbilit skond id-dispożizzjonijiet ta' din it-Taqsima ta' dan l-Att tribunal indipendenti u imparzjali, li jkun magħruf bħala t-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva, bl-iskop li jkun jista' jirrivedi atti amministrattivi istitwiti quddiemu skond dan l-Att jew kull liġi oħra, u bl-iskop tal-eżerċizzju ta' kull kompetenza oħra attribwita lit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva b'din il-liġi, jew taħt din il-liġi, jew xi liġi oħra, kemm qabel kemm wara li jidħol fis-seħħ dan l-Att.Kap. 12.(2) It-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva ma jkollux kompetenza ġenerali li jirrevedi atti amministrattivi li jistgħu jiġu riveduti skont l-artikolu 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili iżda jkollu l-kompetenza li jirrevedi dawk l-atti amministrattivi kif jista' jiġi preskritt f'dan l-Att jew taħtu jew kull liġi oħra li tistabbilixxi l-kompetenza tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva fuq xi klassi ta' atti amministrattivi.

Illi min-naha l-ohra, l-kompetenza ta' dan it-Tribunal hija definita f'Artikolu 3 (2) tal-Kap. 380 tal-Ligijiet ta' Malta, li jipprovdi:

Bla ħsara għas-subartikolu (5), it-Tribunal għal Talbiet Żgħar ikollu ġurisdizzjoni biex jisma' u jaqta' biss it-talbiet kollha ta' flus ta' ammont ta' mhux iżjed minn ħamest elef euro (€5,000):

Illi jmiss ghalhekk lit-Tribunal li jiddeciedi jekk dak li qed jindika l-attur fit-talba tieghu huwiex att amministrattiv kif fuq definit, jew inkella jistax jaqa' taht `talba ta' flus'.

Illi minn ezami tat-talba tal-attur, l-attur jidher li qed jilmenta mill-fatt illi ma setax jaghmel petizzjoni minhabba li l-agenzija konvenuta kienet qed tirrifjuta illi tirrilaxxalu l-karozza qabel ma jhallas il-multa. Fit-tieni parti tat-talba tieghu, l-attur jghid `Qed nitob ghall-anqas li ninghata lura l-Eur 200 u l-ispejjez tal-kawza'.

Illi fis-sentenza ta' dan it-Tribunal diversament presjedut fl-ismijiet *Mario Grima vs. Malta Air Traffic Services Limited*[2], intqal:

[2] Moghtija fl-24 t'Ottubru 2016 – 86/2016 JB

> Fis-sentenza tal-15 ta' Ottubru 1998 fl-ismijiet "Martin Aquilina *pro et noe vs* Moira Chircop", il-Qorti tal-Appell tat x'wiehed jifhem li l-kompetenza ta' dan it-Tribunal ma testendix ghal talbiet li huma ta' natura kumplikata u mhux sempliciment kwistjoni ta' hlas ta' kreditu *sic et simpliciter*. Sentenzi ohra madankollu jirritjenu li l-fatt li jkun hemm konsiderazzjonijiet ta' natura legali li jridu jsiru jew li kwistjoni tkun kumplikata, ma jwassalx ghal nuqqas ta' gurisdizzjoni. Fis-sentenza tal-20 ta' Ottubru 2003 fl-ismijiet "Publius Micallef *vs* Sunroute Company Ltd", il-Qorti tal-Appell dwar il-gurisdizzjoni ta' dan it-Tribunal irriteniet:
>
>> Jekk kull meta tinsorgi materja ta' din ix-xorta l-Gudikatur jaqa' fuq l-iskappatoja ta' kemm hu innifsu jqis il-materja ta' natura kumplikata biex b'hekk jiddeklina milli jitrattaha u jiggudikaha jkun tabilhaqq, fil-fehma ta' din il-Qorti, qieghed b'mod semplicistiku jabdika mid-doveri tieghu, jekk mhux ukoll jistultifika l-istess ligi li kkrejat it-Tribunal specjali. Tali affermazzjonijiet leggeri jew pronunzjamenti spiccjattivi la ghandhom jigu konsentiti u wisq anqas lodati jew segwiti.

Illi in linea mas-sentenza appena citata, dan it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-kompetenza tieghu fil-fatt ma tiddependix minn kemm kwistjoni hija kumplikata jew le, izda, irrilevantement minn dan, ladarba trid tigi mistharrga l-eccezzjoni tan-nuqqas ta' kompetenza, jehtieg jistharreg in-natura tal-mertu tal-kawza quddiemu, sabiex jiddetermina jekk fil-fatt dan il-mertu huwiex kompetenza tieghu jew le.

Illi minn dak li indika l-attur fit-talba tieghu, jidher car illi qed jittenta jikkontesta ghemil amministrattiv imwettaq mill-agenzija konvenuta bil-poteri li taghtiha l-ligi. Dan johrog car mir-referenza li ghamel ghall-fatt illi ma setax jaghmel petizzjoni minhabba c-cirkostanzi li fihom spicca, u cioe' li kellu jhallas ta' bilfors sabiex ikun jista' jiehu l-karozza lura.  Illi dan it-Tribunal abbazi tal-Artikolu 3 (2) tal-Kap. 380 tal-Ligijiet ta' Malta fuq citat, zgur li ma jistax la jistharreg ghemil amministrattiv u lanqas jistabbilixxi jekk il-multa ta' mitejn Euro (€200) kellhiex tinghata jew le.  Meta l-attur fl-ahhar parti tat-talba tieghu qed jitlob li 'ghall-inqas jinghata lura dawn il-mitejn Euro (€200)', qieghed b'mod indirett jikkontesta d-dritt pagabbli impost fuqu.

Illi t-Tribunal huwa tal-fehma illi dak li sehh fil-kaz odjern kien att amministrattiv mill-bidu sal-ahhar, u cioe' kemm it-twahhil tat-tabelli in kwestjoni kif ukoll is-

sussegwenti rmonk u impozizzjoni ta' dritt pagabbli. Bhala tali att amministrattiv, jattira ghalhekk il-kompetenza tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva abbazi tal-ligi specjali (Kap. 490 tal-Ligijiet ta' Malta) fuq imsemmija.

Illi l-attur laqa' ghal din l-eccezzoni billi fit-trattazzjoni tieghu indika illi dan it-Tribunal huwa kompetenti jisma' t-talbiet kollha ta' flus ta' ammont ta' mhux iktar minn hamest'elef Euro (€5000). Sostna ghalhekk illi m'hemmx xejn li jwaqqaf lil dan it-Tribunal milli jiddetermina dan il-kaz. It-Tribunal jifhem dan l-argument minn punto di vista ta' pratticita' u ekonomija tal-gudizzju, anke tenut kont tas-sorte mitlub, izda jiddikjara wkoll illi l-kwistjoni hawnhekk mhijiex semplicement talba ta' flus kif imsemmi fil-ligi li tohloq dan it-Tribunal, izda tmur oltre, kif fuq spjegat. Ladarba hemm ligi specjali li tohloq tribunal appozitu sabiex jisma' kwistjonijiet ta' din ix-xorta, li jolqtu ghemil amministrattiv, ma huwiex dan it-Tribunal ghalhekk li huwa kompetenti li jisma' u jiddeciedi din il-kawza.

Illi fl-istess waqt, din il-mankanza procedurali ma tistax tigi sanata billi wiehed idur ghal dak li llum huwa l-Artikolu 741 (b) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, ghaliex dik il-procedura hija riservata biss ghal 'qorti' u mhux ghal tribunal bhal dan.

**Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' l-ewwel eccezzjoni, u jiddikjara li mhuwiex kompetenti sabiex jisma' u jiddeciedi din il-kawza.**

**L-ispejjez tal-kawza ghandhom jithallsu mill-attur.**

**Dr. Claudio Zammit**
**Gudikatur**

**Susanna Fenech**

**Deputat Registratur**